**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Ħamis 9 ta' Diċembru, 2021

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**AĠENDA Numru 37**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 37 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru, 2021 fis-18:00.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
37.5 Rapporti;
37.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
37.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
37.8 Aġġornament dwar l-Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali;
37.9 Approvazzjoni tal-Budget 2022;
37.10 Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2022;
37.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
37.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-37 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis, 16 ta' Diċembru, 2021 fis-18:00, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Marion Parnis (bagħtet raġuni permezz t'e-mail) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

37.1 **<u>QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA</u>**

37.1.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis bagħtet korrispondenza li ma tistax tattendi għal-laqgħa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

37.1.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jaċċetta din l-apoloġija.

## 37.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

37.2.1 Il-Minuti tas-36 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

37.2.2 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 37.3, 37.4 u 37.5 jiġu diskussi wara Minuta 37.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 37.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

37.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħalissa qed isir xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-pedamenti u ħitan tal-bandli.

37.6.2 Il-Perit qiegħed jiffinalizza t-tenders tal-apparat tal-bandi u tad-disinn interjuri tal-binja.

37.6.3 Preżentament hemm problema b'xi siġar eżistenti u qed nistennew direzzjoni mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex naraw nistgħux inneħħuhom jew jissuġġerulna xi mezz ieħor.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

37.6.4 Informa l-kamra li l-applikazzjoni għall-iskema tal-playing fields ġiet meqjusa mhux eleġibbli mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minħabba li l-iskala tal-proġett hija maġġuri minn dik prevista taħt l-iskema. Il-Kunsill qiegħed jitlob spjegazzjoni.

## 37.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

37.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li għadna qed nistennew li l-perit jiċċertifika x-xogħol sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-pagamenti.

37.7.2 Apparti minn hekk kien hemm ilment li ntmessu xi stalel u sarulhom xi konsenturi. Il-perit għandu jagħti stima tal-ħsara u jsiru diskussjonijiet mal-kuntrattur sabiex naraw min ser ikun responsabbi sabiex din il-ħsara tissewwa.

## 37.08 AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV MAL KUNSILL LOKALI

37.08.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-intervisti li kellom isiru, ebda applikant ma attend għal intervista li kienu msejħa għaliha.

37.08.2 Intbagħat ir-rapport tal-bord lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u għalissa qed nistennew komunikat mingħandhom dwar kif ser nipproċedu.

## 37.09 APPROVAZZJONI TA-BUDGET 2022

37.09.1 Id-Deputat Segretarju Eżekutiv resqet l-estimi annwali għas-sena 2022 u ġie approvat b'mod unanimu fuq proponiment tal-Kunsillier Daniel Farrugia u sekondat mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 37.10 JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2022

37.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħal snin oħra Jum il-Qrendi jiġi ċċelebrat matul it-tielet ġimgħa ta’ Frar.

37.10.2 Qal li għadna qed nevalwaw jekk terġax issir is-serata ta’ Ġieħ il-Qrendi 2022 b’mod limitat inkella jekk isirx kollox online.

37.10.3 Ġie deċiż li s-serata ta’ Ġieħ il-Qrendi ssir is-Sibt 19 ta’ Frar, 2022 fis-19:30, fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

37.10.4 Jum il-Qrendi ser jiġi ċċelebrat il-Ħadd 20 ta’ Frar, 2022 b’quddiesa fl-10:00 imbagħad isir it-tqegħid ta’ kuruni ħdejn il-Monument tal-Gwerra.

## 37.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

37.3.1 Is-Sindku nforma l-kamra li minħabba li kien hemm żbalji fl-aritmetika, dawn ġew evalwati mill-ġdid, xorta waħda l-irħas offerent baqa l-irħas wieħed fost l-offerenti kollha.

37.3.1.2 Il-Kuntrattur qed jisħaq li l-prezzijiet għolew u talab li jsir aġġornament. Il-perit inkarigati mill-unita tar-restawr irreferuna għad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jigwidawna huma f’dan il-każ.

37.3.2 Is-Sindku nforma l-kamra li hemm numru ta’ tenders li huma skaduti u oħrajn li waslu fil-proċess li jerġgħu jinħarġu. Ser tiġi mitluba kwotazzjoni lil numru ta’ persuni li jaħdmu fuq il-proċess ta’ kumpilazzjoni ta’ tenders sabiex inkunu nistgħu nibdew naħdmu fuqhom mill-aktar fis possibli.

37.3.3 Il-Kamra ġiet infurmata mis-Sindku fejn irċivejna komunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex nestendu l-kuntratt eżistenti tal-ġbir tal-iskart sal-aħħar tas-sena 2022.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

37.3.4 Dan minħabba li tagħna jagħlaq f'Settembru u fl-2023 huwa ppjanat li dawn it-tip ta' tenders isiru bħala reġjun. Il-kundizzjonijiet u rati tal-kuntratt iridu jibqaw dawk eżistenti.

37.3.5 Is-Sindku qal li bħala Kunsill applikajna għal diversi skemi fosthom tal-mobility fejn ser ningħataw is-somma ta' €17,340.00 għal-lift tal-uffiċju amministrattiv l-ġdid.

37.3.5.1 Ser ningħataw €5,000 fir-rigward tal-attivitajiet kulturali. Filwaqt li l-iskema tal-playing fields ma ġietx meqjusa eleġibbli minħabba li t-talba tagħna ta' €232,553.20 hija maġġuri minn dik prevista taħt l-iskema. Hawn ukoll tlaban kjarifika.

37.3.6 Il-Kamra ġiet infurmata ukoll li kelna talba sabiex issir sleeping policeman fi Triq il-Bali Guarena u oħra fi Triq il-Muddejn. Ser tintbagħad proposta lil Transport Malta għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

37.3.6.1 Fir-rigward tal-isleeping policeman fi Triq Ġuże Cassar , s-Sindku qal li l-proposta ntbagħtet lil Transport Malta imma għadna ma ħadna ebda risposta fir-rigward.

37.3.7 Tkellem ukoll dwar korrispondenza li rċivejna fejn talbuna nikkonfermaw l-installazjoni ta' charging pillars fil-postijiet hekk kif kien issuġġerit mill-Kunsill stess.

37.3.7.1 Il-Kunsill ikkonferma l-postijiet kollha ssuġġeriti bis-suġġeriment li l-post indikat fi Triq it-Tempesta k/m Triq Nicolo Communet isiru ladarba x-xogħol fuq il-binja tal-Uffiċju Ammnistrattiv l-ġdid titlesta.

37.3.8 Fir-rigward tal-appel li kelna fuq it-tender tal-latrini pubbliċi, s-Sindku nforma l-kamra li wara li l-Kunsill issotometta d-dokumenti rikjesti, rċivejna notifika mill-avukati tal-appellant li ma għandhomx iktar dokumenti x'iresqu biex b'hekk issa rridu nistennew id-deċiżjoni tal-bord.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

37.3.8.1 Fir-rigward tal-kwotazzjoni li ħriġna għas-servizz ta' emerġenza għadna qed nistennew risposta mis-sezzjoni tal-konformita' tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

37.3.9 Is-Sindku tkellem dwar parti minn triq li ċediet fi Triq is-Siġġiewi, fejn qal li ser issir talba lil Transport Malta sabiex jgħinuna nsewwu din il-ħsara.

## 37.4 TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

37.4.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa saqsa jekk tistax issir talba lil Transport Malta sabiex isiru dwal mal-pedestrian crossings li hemm fi Triq it-Tempesta. Ser tintbagħat talba lil Transport Malta.

## 37 .5 RAPPORTI

37.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 37.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

37.11.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €22,806.13 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 12/21 u €111.33 skont il-Petty Cash Ref Y/11.

37.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

37.11.3 Il- Viċi Sindku Patrick Bugeja issekonda din il-proposta.

37.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

37.12 **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

37.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00 u ġiet aġġornata għal-Ħamis 20 ta' Jannar, 2022 fil-17:30.

**Stephania Grixti**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**